**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 12 ta' Mejju, 2016**

**Mandat Nru: 246/2016 AF**

**Simon Debono bin Paul Vincent u Margaret neé Ciavolo imwieled Floriana u joqghod Attard**

**vs**

**Viaggio Facile kumpanija Taljana bin-numru tar-registrazzjoni 01706650858**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Simon Debono li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, talab lil din il-Qorti biex izzomm lis-socjetà Viaggio Facile milli tbiegh, tittrasferixxi jew b'xi mod iehor tiddisponi minn, jew timponi xi piz jew obbligazzjoni reali jew personali fuq, jew bi kwalunkwe mod tghaddi t-tgawdija temporanja jew xort'ohra tinnegozja l-first floor flat, internament markat bin-numru tnejn (2), sottopost u sovrappost ghal beni ta' terzi, formanti parti minn block ta' flats, minghajr numru ufficjali u jismu "DrewMix Apartments", f'Tower Street, Msida, jew is-sehem indiviz taghha mill-partijiet u s-servizzi komuni kollha fl-istess blokk, jew li tghabbi l-istess flat u partijiet komuni b'ipoteki jew garanziji ohra.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti li permezz tieghu t-talba ntlaqghet provvizorjament.

Rat ir-risposta tas-socjetà Viaggio Facile.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Mejju 2016 fejn id-difensur tas-socjetà intimata ddikjarat illi s-socjetà intimata mhijiex qeghda tikkontesta l-fatt li n-notifika giet effettwata lilha fl-14 ta' April 2016.

Rat l-atti kollha.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi l-Art. 874 (1) tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

> *"(1) Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbigħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali; iżda dak il-mandat ma jgħoddx għall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu."*

Is-socjetà intimata laqghet ghat-talba ghal tlett ragunijiet. L-ewwel nett eccepiet li ma saritx lilha notifika valida. Din il-Qorti tqis li din l-eccezzjoni giet effettivament sorvolata permezz tal-fuq citat verbal tas-seduta tal-5 ta' Mejju 2016. Tilqa' ghat-talba wkoll billi ssostni li r-rikors kellu jigi degretat sa zmien xahar mid-data tal-prezentata. Il-Qorti tqis li din ir-raguni ma tghoddx in vista tal-provvediment tal-ligi (kif recentement emendat) li jipprovdi illi:

*"(3) Il-qorti għandha, wara li tappunta għas-smigħ, tiddeċiedi dan ir-rikors, wara li tisma' kull xhieda li jidhrilha xierqa, u dan fl-iqsar żmien possibbli iżda mhux aktar tard minn xahar mill-ġurnata li ġie preżentat u maħluf il-mandat* *<u>u l-partijiet ġew debitament notifikati</u>."* (sottolinear ta' din il-Qorti.

Dwar il-mertu s-socjetà intimata ssostni li l-proprjetà de quo kienet digà mibjugha permezz ta' kuntratt datat 17 ta' Frar 2016, u cioè jumejn qabel il-prezentata tar-rikors odjern. Mid-dokumenti esibit, madanakollu, jirrizulta illi trasferiment tal-proprjetà gie insinwat fil-25 ta' Frar 2016, meta l-mandat ta' inibizzjoni odjern kien gie insinwat regolarment fil-gurnata li fiha gie milqugh provizorjament, u cioè d-19 ta' Frar 2016. Jidher ghalhekk li t-trasferiment gie registrat sitt ijiem wara l-mandat ta' inibizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti fic-cirkostanzi, taqta' u tiddeciedi billi tilqa' defenittivament it-talba ta' Simon Debono kontenuta fir-rikors tieghu tad-19 ta' Frar 2016 u tinibixxi lis-socjetà Viaggio Facile milli tbiegh, tittrasferixxi jew b'xi mod iehor tiddisponi minn, jew timponi xi piz jew obbligazzjoni reali jew personali fuq, jew bi kwalunkwe mod tghaddi t-tgawdija temporanja jew xort'ohra tinnegozja l-first floor flat, internament markat bin-numru tnejn (2), sottopost u sovrappost ghal beni ta' terzi, formanti parti minn block ta' flats, minghajr numru ufficjali u jismu "DrewMix Apartments", f'Tower Street, Msida, jew is-sehem indiviz taghha mill-partijiet u s-servizzi komuni kollha fl-istess blokk, jew li tghabbi l-istess flat u partijiet komuni b'ipoteki jew garanziji ohra.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF